# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum 30 ta' Settembru 2021**

Appell numru 335/2019

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Deborah FARRUGIA**

Il-Qorti rat is-segwenti :

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-25 ta' Novembru 2019 fil-konfront ta' Deborah Farrugia, karta tal-identita' bin-numru 346284M li ġiet mixlija (in suċċint) talli: b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u liema atti ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:
   i. Fis-27 ta' Lulju, 2003 għall-ħabta ta' bejn is-siegħa ta' filgħodu u d-disgħa ta' filgħodu, fi Triq Bwieraq Birkirkara, ikkommettiet serq ta' car seat covers ta' lewn kannella u bil-logo tat-Toyota u indicator ta' quddiem tax-xellug minn ġewwa l-vettura tal-għamla Toyota Starlet bin-numru ta' reġistrazzjoni LCG 106

liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa għad-detriment ta' Gilbert Debattista minn Birkirkara;

ii. U talli fl-istess data, lok u ħin u ċirkostanzi volontarjament ħassret jew għarrqet ħwejjeġ ħaddieħor u cioe fuq vettura tal-għamla Toyota Starlet bin-numru ta' reġistrazzjoni LCG 106 liema ammont ta' ħsara ma jiskorrix Ewro 23.29 għad-detriment ta' Gilbert Debattista minn Birkirkara;

iii. U talli fil-lejl ta' bejn it-3 ta' Lulju u r-4 ta' Lulju 2003 għall-ħabta ta' bejn il-ħdax ta' filgħaxija u t-tmienja ta' filgħodu, fi Triq ix-Xmiexi Msida, ikkommettiet serq ta' car stereo CD player u ħames compact disks minn ġo vettura tal-għamla Volkswagen Jetta bin-numru ta' reġistrazzjoni IAM 116 liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa għad-detriment ta' Andrew Bezzina mill-Imsida;

iv. U talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, volontarjment ħassret, għamlet ħsara jew għarrqet ħwejjeġ ħaddieħor u cioe' l-vettura tal-għamla Volkswagen liema ħsara ma tiskorrix l-Ewro 23,29 għad-detriment ta' Andrew Bezzina mill-Imsida;

v. U talli fil-lejl ta' bejn it-23 ta' Lulju u l-24 ta' Lulju 2003, għall-ħabta ta' bejn id-disgħa ta' filgħaxija u s-sitta ta' filgħodu fi Triq Patri Marjanu Vella, Sliema kkomettiet serq ta' car stereo CD player, handbag, wallet, cards tal-banek, karta l-identita' u liċenzja tas-sewqan, flus kontanti (LM 500) u tapit ta' dashboard minn ġo vettura tal-għamla Peugeot bin-numru ta' reġistrazzjoni DBF 682 liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-ħin, bix-xorta tal-ħaġa misruqa u bil-valur li jeċċedi il-Ewro 232.94 u ma jeċċedix il-Ewro 2,329.37 għad-detriment ta' Alfreda Pisani minn Sliema;

vi. U talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, volontarjament ħassret jew għamlet ħsara jew għarrqet ħwejjeġ ħaddieħor u cioe' il-vettura Peugeot liema ammont ta' ħsara ma jiskorrix l-Ewro 116.47 imma huwa iżjed minn Ewro 23,29 għad-detriment ta' Alfreda Pisani minn Sliema;

vii. U talli fil-lejl ta' bejn il-5 ta' Awwissu u s-6 ta' Awwissu 2003 għall-ħabta ta' bejn l-għaxra ta' filgħaxija u s-sebgħa neqsin kwart ta' filgħodu, fi Triq ta' Żwejt, San Ġwann, ikkommettiet serq ta' bumper ta' quddiem, pjanġa ta' reġistrazzjoni ta' quddiem, żewġ indicators u liċenzja tas-sewqan minn ġewwa vettura tal-għamla Toyota Windy bin-numru ta' reġistrazzjoni LCF 468 liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-ħin, bix-xorta tal-ħaġa misruqa u bil-valur li jeċċedi l-Ewro 232.94 iżda li mhux iżjed minn Ewro 2,329.37 għad-detriment ta' Carmel Marchett minn San Ġwann'

viii. U talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament ħassret jew għarrqet ħwejjeġ ħaddieħor u cioe' vettura tal-għamla Toyota Windy liema ammont ta' ħsara ma jiskorrix l-Ewro 116.47 imma iżjed minn Ewro 23,29 għad-detriment ta' Carmel Marchett minn San Ġwann.
ix. U talli kisret il-provvedimenti tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenza li saret definittiva u li ma tistax tiġi mħassra mogħtija lilha mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datata is-6 ta' Frar 2003;
x. U aktar talli saret reċediva ai termini tal-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, iddeċidiet li ma ssibx lill-imputata ħatja tal-ewwel, it-tieni, ir-raba', is-sitt, it-tmien, id-disa' u l-għaxar imputazzjonijiet u lliberata minnhom filwaqt li sabet lill-istess imputata ħatja tat-tielet, il-ħames u s-seba' imputazzjonijiet u kkundannatha għal tmintax-il xahar priġunerija liema terminu ta' priġunerija, b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ġie sospiż għall-perjodu ta' tlett snin mid-data tas-sentenza. B'applikazzjoni tal-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti poġġiet lill-imputata fuq ordni ta' superviżjoni għal perjodu ta' tlett snin mid-data tas-sentenza.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-appellanta appellat minn din is-sentenza fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata u dan billi tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Onorabbli Qorti ma sabitx lill-imputata ħatja tal-ewwel, it-tieni, ir-raba', is-sitt, it-tmien, id-disa' u l-għaxar imputazzjoni; tħassarha in kwantu sabet lill-istess imputata ħatja tal-imputazzjonijiet numru tlieta, ħamsa u sebgħa' jew b'mod sussidjarju, fl-eventwalita' li tiġi kkonfermata l-ħtija kif inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), li tikkalibra l-piena imposta b'piena iktar ekwa u ġusta għall-każ odjern u dan wara li ressqet aggravji fuq is-segwenti (in suċċint):

i. L-azzjoni hija preskritta ai termini tal-Artikolu 688(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta'Malta;
ii. Il-lifters ġew elevati minn fuq barra u mhux minn fuq ġewwa tal-vettura konċernanti u għandek indizzji ċirkostanzjali li mhumhiex univoċi u konklussivi.
iii. Fuq dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ingħad illi l-appellanta ma offrietx spjegazzjoni għas-sejba tal-impronti tagħha fuq il-vetturi konċernati.
iv. Il-piena erogata.

## D. IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

### Ikkunsidrat

4. Illi l-appellanta eċċepiet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni in kwantu tikkontendi li ġjaladarba l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) eskludiet l-applikazzjoni tal-kwalifiki tal-hin u tal-valur fir-rigward tat-tielet, ħames u sebgħa imputazzjonijiet, allura l-azzjoni hija hekk milquta bit-terminu preskrittiv ikkontemplat fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 688(ċ) tal-Kodiċi Kriminali. Dan, tenut kont ukoll li l-imputazzjonijiet in kwistjoni jirrisalu għall-perjodu ta' Lulju u Awissu tas-sena 2003 u l-proċeduri odjerni fil-konfront tal-imputata qua appellanta ġew hekk istitwiti fit-30 ta' Ottubru 2012, ben disa' snin wara.

5. Jirriżulta li l-proċeduri kontra Deborah Farrugia ġew istitwiti fit-30 ta' Ottubru 2012. Fis-seduta tal-21 ta' Frar tas-sena 2013 ġew miżjuda l-imputazzjonijiet li tagħhom instabet ħatja l-appellanta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta). Għaldaqstant jirriżulta li l-perjodu ta' preskrizzjoni għar-reati li tagħhom ġiet misjuba ħatja kien ġie interrott skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 693(1) tal-Kodiċi Kriminali fis-seduta ta' nhar il-21 ta' Frar 2013. Dan peress li ż-żmien tal-preskrizzjoni jinkiser b'kull att tal-proċediment li jiġi innotifikat lill-imputat jew akkużat dwar il-fatt li għalih ikun imputat jew akkużat.

6. Issa, skont l-Artikolu 689 tal-Kodiċi Kriminali, sabiex jiġi komputat il-perjodu ta' preskrizzjoni jeħtieġ li jittieħed qies tal-piena li r-reat imputat ikun oriġinarjament suġġett. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża **Il-Pulizija vs. Gaspare Delia**[1] intqal hekk:

[1] Deċiża fit-22 ta' Settembru, 2020.

Illi din il-Qorti diversament presjeduta fl-appell kriminali Il-Pulizija vs. Omissis tal-25 ta' Settembru 2018 għamlet dawn is-segwenti konsiderazzjonijiet : -

Il-Qorti rat ukoll is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta Gudikatura Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Martin Sammut) vs Michael Vella fejn ghamlet referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija kontra Paul Vella.

Illi l-Qorti ikkunsidrat b'mod specjali dak illi qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha u tikkwota testwalment: "Meta si tratta ta' komputazzjoni ta' preskrizzjoni sabiex jigi stmat kemm hu z-zmien preskrizzjonali wiehed ghandu jara **l-akkuza kif dedotta**[2] u minn hemm hekk wiehed jikkalkola dan iz-zmien u mhux jikkalkola z-zmien skond ir-rizultanzi fuq il-meritu, aktar u aktar meta s-sentenza fil-fatt, fil-kaz in ezami, ma kkunsidratx il-provi fil-meritu, izda laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' hames snin in bazi tal-akkuzi. Ghal dak li jikkoncerna z-zmien preskrizzjonali fil-kaz odjern, dan jigi kalkolat mill-jum li fih isir l-ahhar ksur tal-ligi skont l-akkuza."

7. L-istess ġie deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża **The Police (Inspector Louise Calleja) vs. Omissis**[3] liema insenjament ġie applikat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża **Il-Pulizija vs. Charlot Caruana**[4]**:**

   Dak li huwa ċar huwa li l-ligi fl-istess artikoli tistabilixxi li 'Għall-effetti tal-preskrizzjoni għandu jittieħed qies tal-piena li għaliha r-reat ikun ordinarjament suġġett..

8. 'L-akkużi kif dedotti', a differenza tal-imputazzjonijiet li rriżultaw mill-provi u li tagħhom l-imputata ġiet misjuba ħatja huma indikati fil-kompárixxi li tinsab a foljo 21 tal-atti proċesswali u jirreferu kwindi għall-imputazzjonijiet li ġew miżjuda fis-seduta ta' nhar il-21 ta' Frar tas-sena 2013. Dawn l-imputazzjonijiet, rispettivament jipotizzaw is-segwenti reati:
   i) it-tielet imputazzjoni, serq ikkwalifikat bil-mezz, ħin u xorta tal-ħaġa misruqa, li ai termini tal-Artikolu 278(3) tal-Kodiċi Kriminali jġorr piena ta' bejn tlettax il-xahar u għoxrin jum priġunerija u erba' snin priġerunija;
   ii) il-ħames imputazzjoni, serq ikkwalifikat bil-mezz, ħin, xorta tal-ħaġa misruqa, u bil-valur (li ma jeċċedix l-Ewro 2,329,37) li għalhekk li ai termini tal-Artikolu 280(2) tal-Kodiċi Kriminali applikanti l-Artikolu 278(3) tal-imsemmi Kodiċi jġorr piena ta'

[2] Emfasi ta' din il-Qorti.
[3] Deċiża fid-29 ta' Ottubru 2018
[4] Deċiża fs-7 ta' Lulju 2020.

bejn tlettax il-xahar u għoxrin jum priġunerija u erba' snin priġerunija u

iii) serq ikkwalifikat bil-valur (li ma jeċċedix l-Ewro 2,329,37), mezz, ħin u xorta tal-ħaġa misruqa li kwindi hawn ukoll iġorr l-istess piena li tapplika fir-rigward tal-ħames imputazzjoni ċjoe bejn tlettax il-xahar u għoxrin jum priġunerija u erba' snin priġerunija.

9. Illi għalhekk f'dan il-każ japplika l-Artikolu 688(ċ) tal-Kodiċi Kriminali u mhux is-subinċiż (d) kif issostni l-appellanta. B'hekk il-perjodu preskrizzjonali huwa dak ta' l-egħluq ta' għaxar snin in kwantu d-delitti de quo huma suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn disa'snin u mhux anqas minn erba' snin. Il-massimu t'erba' snin priġunerija erogabbli skont l-"akkużi kif dedotti" ma jistax jitqies li huwa "anqas minn erba' snin" u b'hekk jaqa' fil-parametri tat-tifsira tal-frażi "mhux anqas minn erba' snin".

10. Isegwi għalhekk li tenut kont tal-fatt li l-preskrizzjoni għar-reati li tagħhom instabet ħatja l-appellanta ġiet interrotta fil-21 ta' Frar 2013, u r-reati saru f'Lulju u f'Awissu tas-sena 2003, il-perjodu ta' għaxar snin ma kienx għadu ddekorra u l-azzjoni għalhekk mhix milquta bil-preskrizzjoni.

11. Għaldaqstant, dan l-ewwel aggravju tal-preskrizzjoni qiegħed jiġi hekk respint u l-Qorti sejra għalhekk tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellanta fuq il-mertu tal-każ.

**Ikkunsidrat**

12. Illi dan il-każ jitratta diversi serqiet allegatament mill-appellanta li seħħew fi bnadi differenti tal-Gżejjer Maltin minn ġewwa diversi vetturi. Minkejja l-fatt li l-appellanta kienet ġiet mixlija b'serje ta' serqiet, hija nstabet ħatja biss ta' tlieta minn dawn is-serqiet u cioe' ta'

(i) serqa ta' diversi oġġetti fosthom CD player tal-marka Kenwood fost diversi oġġetti oħra li kienu jinstabu ġewwa vettura tal-marka Volksvagen Jetta b'numru ta' reġistrazzjoni IAM116 fil-lejl ta' bejn it-3 u l-4 ta' Lulju tas-sena 2003 għall-ħabta ta' bejn il-ħdax ta' filgħaxija u t-tmienja ta' filgħodu u li kienet tinsab ipparkjata fl-Imsida;

(ii) serqa ta' diversi oġġetti li kienu jinsabu f'vettura tal-għamla Peugeot 206 b'numru ta' reġistrazzjoni DBF 682 fil-lejl ta' bejn

it-23 ta' Lulju u l-24 ta' Lulju tas-sena 2003 fil-ħin ta' bejn id-disgħa ta' filgħaxija u s-sitta ta' filgħodu u li kienet tinsab ipparkjata f'Ta' Sliema u

(iii) serqa ta' bumper ta' quddiem, indicators ta' quddiem, numru ta' reġistrazzjoni u xi affarijiet minn ġewwa vettura tal-għamla Toyota Windy b'numru ta' reġistrazzjoni LCF 468 fil-lejl ta' bejn il-5 u s-6 ta' Awwissu tas-sena 2003 fil-ħin ta' bejn l-għaxra ta' filgħaxija u s-sebgħa ta' filgħodu u li kienet tinsab ipparkjata fl-inħawi ta' Zwejt, f'San Ġwann.

13. Illi jirriżulta li l-għada tas-serqa, is-sidien tal-vetturi rispettivi kollha għamlu rapport mal-Pulizija fejn iddenunċjaw serq u sgass li sar minn ġewwa l-vetturi rispettivi tagħhom. Kull wieħed minnhom kien ingħata struzzjonijiet sabiex jieħu l-imsemmija vettura għall-analiżi forensiku da parte tal-Pulizija minħabba l-possibilita' li l-vetturi in kwistjoni setgħu kellhom l-impronta diġitali tal-malviventi.

14. Infatti, il-Maġġur Edgar Dalli xehed kif huwa kien inkarigat jagħmel l-analiżi forensika tal-vettura Toyota Windy bin-numru LCF 468 nhar is-6 ta' Awwissu 2003 (imsemmija fis-seba' imputazzjoni), dakinhar stess kwindi li sar ir-rapport da parte ta' sid il-vettura u minn fejn kienu ġew elevati diversi impronti diġitali minn diversi partijiet tal-vettura.

15. Bl-istess mod xehed PS 680, illum Spettur, Colin Sheldon fejn dan ukoll qal kif kien inkarigat mill-analiżi forensiku tal-vettura Peugeot 206 bin-numru ta' reġistrazzjoni DBF 682 nhar l-24 ta' Lulju 2003 (imsemmija fil-ħames imputazzjoni) u cioe' dakinhar stess li daħal ir-rapport tas-serqa lill-Pulizija fejn kienu ġew elevati sitt impronti diġitali minn diversi partijiet tal-vettura.

16. Xehed ukoll l-Ispettur Darren Buhagiar u qal kif huwa kien inkarigat mill-eżami forensiku tal-Volksvagen Jetta bin-numru ta' reġistrazzjoni IAM116 (imsemmija fit-tielet imputazzjoni) u għal darba oħra jidher kif din l-analiżi saret dakinhar li ġiet irraportata s-serqa nhar l-4 ta' Lulju, 2003 fejn kienu ġew elevati diversi impronti diġitali minn diversi partijiet tal-vettura.

17. Fit-tlett każijiet, ir-rapport mal-Pulizija jidher illi sar mas-sbieħ il-għodwa, wara l-lejl kwindi fejn fih seħħew is-serqiet rispettivi. Għaldaqstant, jirriżulta kif l-analiżi forensiku da parte tal-Pulizija sar tempestivament.

18. Din il-Qorti kkunsidrat kif minkejja li dawn is-serqiet saru fis-sena 2003, il-proċediment penali kontra l-appellanta inbeda biss fis-sena 2012! Mill-provi ma jirriżultax għaliex kien hemm dan id-dewmien kollu biex tinbeda din l-azzjoni fil-konfront tal-appellanta. Mill-atti proċesswali jirriżulta li l-kawża kriminali kontra l-appellanta bdiet nhar it-30 ta' Ottubru 2012, meta ġew reġistrati l-imputazzjonijiet li jinsabu a fol 1. Imbagħad il-komparixxi ġiet emendata fil-21 ta' Frar 2013, fejn żdiedu reati oħrajn fosthom dawk li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabet ħtija dwarhom fil-konfront tal-appellanta.

## Ikkunsidrat

19. Illi t-tieni aggravju tal-appellanta jimplika neċessarjament eżami mill-ġdid tal-provi u tal-apprezzament li sar mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabiex waslet għall-sejbien ta' ħtija fl-appellanta għas-serqiet in kwistjoni.

20. Issa huwa prinċipju ormai stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti, li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament ta' provi eżerċitata mill-Qorti tal-Maġistrati iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk din l-Ewwel Qorti kinetx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk imbagħad wara li jsir dan l-eżercizzju akkurat, jirriżulta li l-Ewwel Qorti ma setgħetx raġonevolment u legalment tasal għal dak il-ġudizzju tagħha, allura din tissarraf f'raġuni impellenti sabiex din il-Qorti tiddisturba d-diskrezzjoni u konklużjoni hekk raġġjunta mill-Ewwel Qorti.[5] Il-Qorti tal-Appell fil-kawża **Il-Pulizija vs. Nazzareno sive Reno Zarb**[6] stqarret is-segwenti:

> assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case-including the apparent

[5] **Il-Pulizija vs. Raymond Psalia** et deċiża nhar il-12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace** deċiża nhar il-31 ta' Mejju 1991; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi** deċiża nhar l-14 ta' Frar 1989 u **Il-Pulizija vs. Anthony Zammit** deċiża nhar il-31 ta' Mejju 1991, fost oħrajn.
[6] Deċiża nhar il-31 ta' Awwissu 2006

weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings-leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed'' (Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392)

21. L-istess intqal fl-appell kriminali superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt:**[7]

Fi kliem ieħor, l-eżercizzju ta' din il-Qorti fil-każ preżenti u f'kull każ ieħor fejn l-appell ikun ibbażat fuq apprezzament tal-provi, huwa li teżamina l-provi dedotti f'dan il-każ, tara jekk, anki jekk kien hem, verżjonijiet kontradditorji-kif normalment ikun hemm- xi waħda minnhom setgħetx liberament u serenament tiġi emmnuta mingħajr ma jiġi vjolat il-prinċipju li d-dubju għandu jmur favur l-akkużat u jekk tali verżjoni setgħet tiġi emnuta w evidentement ġiet emnuta mill-ġurati, il-funzjoni, anzi, id-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto ġieli għamlet- tiddisturba l-ġudizzju tal-ġurati, trid tkun konvinta li l-istess ma setgħux, taħt ebda ċirkostanza raġjonevoli, jagħtu affidament lill-verżjoni minnhom emnuta.

22. Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[8]

23. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

---

[7] Deċiża nhar il-1 ta' Diċembru, 1994

[8] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

24. Illi f'dan il-każ, il-Prosekuzzjoni bniet it-teżi tagħha li l-appellanta hija l-awtriċi tas-serje ta' serqiet in kwistjoni fuq il-**prova indizzjarja tal-marki tas-swaba**. Il-Liġi Maltija hija sprovvista minn spjegazzjoni ta' kemm irid ikun hemm punti ta' korrispondenza sabiex marka ta' saba' tiġi meqjusa bħala identika għal dik tas-suġġett attiv tar-reat. F'dan ir-rigward, ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja**[9] li fil-prattika, biex il-Pulizija tmexxi l-investigazzjoni 'il quddiem kontra s-suspettat tagħha, tistrieħ fuq disa' 'matching points' iżda qabel ma tmur il-Qorti tkun trid tara li jkollha tal-inqas erbatax-il 'point of comparison'. F'dan il-każ pero', ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwar il-fatt li wħud mill-marki tas-swaba' li nstabu fuq il-vetturi, u preċiżament dawk li rriżultaw mill-analiżi tal-espert Joseph Mallia, kienu jappartjenu lil Deborah Farrugia. Infatti, mill-analiżi forensiċi li saru mill-Pulizija kif ukoll sussegwentement mill-analiżi li wettaq l-espert tal-Qorti Joseph Mallia, ma jifdal l-ebda dubju dwar l-identiċita tal-impronta misjuba f'diversi partijiet tal-vetturi derubati ma' dawk tal-appellanta:

i. Il-Peugeot bin-numru ta' reġistrazzjoni DBF 682 kellha **impronta diġitali waħda** bil-kodiċi 03BWQ301 li taqbel perfettament mas-saba' l-kbir tal-id il-leminija ta' Deborah Farrugia. Din l-impronta instabet fuq il-bieba ta' quddiem, naħa tal-passiġġier, fuq barra u fuq il-ħġieġa tal-vettura minn barra.

ii. Il-Volksvagen Jetta bin-numru ta' reġistrazzjoni IAM116 kellha **żewġ impronti diġitali** bin-numru tal-kodiċi 03BBK301 li jaqblu b'mod identiku ma' dik tal-Deborah Farrugia, waħda kienet taqbel ma' parti mill-pala tal-id ix-xellugija ta' Deborah Farrugia u l-oħra ma' parti mill-marka tas-saba' l-kbir ta' id il-leminija tal-istess. Dawn l-impronti instabu fuq il-ħġieġa tal-bieba tax-xufier minn barra.

iii. It-Toyota Windy bin-numru ta' reġistrazzjoni LCF 468 kellha **żewġ impronti diġitali** li jġibu n-numri tal-kodiċi 03BYR302 U 304 rispettivament u li jaqblu perfettament mal-marka tas-saba' l-kbir tal-id ix-xellugija tal-istess Deborah Farrugia u oħra li taqbel b'mod identiku ma' parti tal-pala tal-id ix-xellugija tal-istess Farrugia. Dawn l-impronti nstabu fuq il-bonnet tal-vettura u impronta oħra fuq il-ħġieġa tat-tieqa ta' wara tax-xufier rispettivament.

25. Din il-Qorti tosserva kif effettivament ma tressqet l-ebda prova oħra sabiex tikkorrabora t-teżi tal-Prosekuzzjoni għajr dawn il-marki

[9] Ara **Il-Pulizija vs. Nazzareno (sive Reno) Zarb** deċiża nhar il-31 ta' Awissu 2006.

tas-swaba. F'dan ir-rigward fil-kawża hekk kif preseduta **Il-Pulizija vs. Stephen Zammit**[10] ġie abbraċjat l-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-każ **Il-Pulizija vs. Nazzareno (sive Reno) Zarb**[11] hekk kif ġie ritenut is-segwenti:

> **il-prova tal-fingerprint ghandha tkun sufficjenti biex tissodisfa l-oneru tal-prova u legalment mhux necessarju li jkun hemm xi korroborazzjoni ta' din il-prova billi l-istess prova wahedha ghandha twassal ghall-htija tal-persuna akkużata**. Il-Qorti pero' kienet ghamlet distinzjoni bejn fingerprints li jinstabu **f'postijiet pubblici**[12] bhal hwienet, knejjes, cinematografi, hwienet tax-xorb, diskoteki, ecc. li fihom imorru hafna nies u fingerprints li jinstabu f' xi dar ta' residenza. Il-Qorti qalet hekk fir-rigward:-
>
> "Kienet tkun haga ferm differenti li kieku l-post derubat kien xi residenza privata u jigi stabbilit li s-suspettat, li instabu l-impronti digitali tieghu fuq il-post, qatt ma kien dahal fih u li d-derubat qatt ma kien jafu jew li kien dahallu fir-residenza tieghu. F' dan il-kaz il-prova tal-fingerprints wahedha hija sufficjenti biex il-Qorti issib htija.../..
>
> BLACKSTONES - "CRIMINAL PRACTICE" (2001 edit.) (pagna 2311-2312) jghid testwalment hekk :-
>
> "Properly presented fingerprint evidence has long been accepted as providing sufficient identification, but, in a case which depends wholly on such evidence, it is clearly essential that the defendant is linked to the relative prints by admissible evidence (Chappell v DPP (1988) 89 Cr App R 82).Finger print experts used to seek at least 16 matching ridge characteristics between the suspect's print and the crime print before asserting that the prints come from the same person, but this has never been a strict legal requirement, and courts have a discretion to admit evidence based on fewer matching characteristics. See for example BUCKLEY (1999) 163 JP 561 , in which the Court of Appeal upheld a robbery conviction following a trial at which the appellant was identified on the basis of a mere nine-point match. Rose LJ said :
>
> "Finger print evidence , like any other evidence , is admissible .....if it tends to prove the guilt of the accused. It may so tend, even if there are only a few similar ridge characteristics, but it may, in such case, have little weight. It may be excluded in the exercise of judicial discretion, if its prejudicial effect outweighs its probative value....."

---

[10] Deċiża nhar it-22 ta' Settembru 2020.
[11] Deċiża nhar il-31 ta' Awwissu 2006.
[12] Enfasi ta' din il-Qorti.

> He added that Courts or judges would have to consider, before exercising this discretion, the experience and expertise of the witness presenting it, the number of similar ridge characteristics identified, the presence of any dissimilar characteristics, the size of the crime print ...and the quality and clarity of that print ... Rose LJ still considered it "highly unlikely" that anything less than an eight-point match could be acceptable, in the absence of exceptional circumstances. The latest guidelines on fingerprint analysis emphasise the primacy of subjective evaluation when determining whether prints can be said to match, and no longer specify a need for any particular number of matching ridge characteristics.

> Fil-fatt it-tendenza l-aktar recenti fl-Ingilterra hi li numru ferm inqas minn 14 il-punt (li rrizultaw f'dan il- kaz) jista' jkun bizzejjed biex tigi stabilita lidentita' tal-persuna suspettata. Konsegwentement, l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li taccetta il-kriterju ta' "14 points of comparison" li skond lesperta nstabu fuq ir-ritratt Dok. 920748000102.

> Illi l-ARCHBOLD "Criminal Pleading, Evidence and Practice" (2001 edit.) (pagna 1348 ) jghid :-
>
> "A person may be identified by fingerprints alone" : R. v Castleton , 3 Cr. App. R 74 CCA"

26. Illi l-appellanta tissottometti li l-Prosekuzzjoni ma setgħetx tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li hija l-awtriċi ta' dawk is-serqiet sempliċement għaliex il-vetturi in kwistjoni dejjem kienu pparkjati fit-triq u għalhekk kienu aċċessibbli għal kulħadd, anki għaliha stess. Din il-Qorti pero' tosserva kif minkejja li huwa minnu li tali vetturi kienu jinsabu f'post pubbliku, tħoss illi hija kemmxejn **inverosimili** l-ipoteżi li l-appellanta setgħet, **f'tlett okkażjonijiet differenti - u addirittura f'tlett bnadi differenti f'Malta ossia l-Imsida, Tas-Sliema u f'San Gwann** - misset tlett karozzi differenti b'tali mod li mhux biss għaddiet minn ħdejhom iżda addirittura ħalliet l-impronta diġitali tagħha fuqhom!

27. Minn imkien ma jirriżulta li d-derubati kienu jafu lill-appellanta b'tali mod li jista' jagħti l-każ li ġieli kellha kuntatt fiżiku ma' dawn il-vetturi u għalhekk koinċidentalment, forsi, ħalliet l-impronta diġitali tagħha fuq xi parti minn dawn il-vetturi. B'referenza għas-serqiet li saru minn ġewwa l-vetturi, mhux inverosimili li jinstabu marki tas-swaba' fuq in-naħa ta' barra ta' vettura (b'referenza għall-vetturi tal-għamla Peugeot u tal-għamla Volksvagen Jetta) f'sitwazzjoni fejn il-malviventi jkun qiegħed jipprova jisgassa din il-vettura għall-skop ta' serq. In kwantu għas-serqa li saret in konnessjoni mal-vettura

Toyota Windy, instabu anki impronta tal-appellanta **fuq il-bonnet ta' quddiem tal-vettura** u din il-vettura in fatti nsterqulha l-bumper ta' quddiem u l-pjanċa ta' reġistrazzjoni kif ukoll l-indicators **tan-naħa ta' quddiem**.

28. Magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti jeħtieġilha issa tistħarreġ kemm il-prova tal-marki tas-swaba' kienet **prova ċirkostanzjali univoka** u li twassal għall-konklużjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni tal-involviment tal-appellanta bħala l-awtriċi ta' dawn is-serqiet. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Noel Frendo**[13] intqal hekk f'dan ir-rigward:

> L-impronti digitali (u dawk palmari) huma forma ta' prova indizzjarja – "circumstantial evidence" – li kif qal Lord Salmon fil-kaz DPP v. Kilbourne [1973] AC 729, p. 758 "...works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities." Il-kwistjoni kollha hi mhux jekk l-impronta instabitx f'post pubbliku jew f'post privat jew anqas pubbliku – il-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl tac- cirkostanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta tikkonvincix lill-gudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li dik l-impronta saret mill-persuna li lilha tappartjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkuzata jew fil-kors ta' xi atti li jammontaw ghall- anqas ghal tentattiv ta' dak ir-reat. Hekk, per ezempju, impronta misjuba f'bank fil-parti fejn il-pubbliku ghandu access u meta jirrizulta li l-imputat kien jiffrekwenta dak il- bank ftit li xejn tista' sservi ta' prova kontra dak l-imputat jekk huwa jigi akkuzat b'serq minn dak il-bank. L-istess ma jistax jinghad, pero`, jekk dik l-impronta tinstab fuq il- bieb ta' l-istrongroom tal-bank fejn l-impjegati tal-bank biss jistghu jidhlu u meta l-imputat ma hux tali impjegat u ma jirrizultax li qatt kellu ghalfejn jersaq lejn dak il-bieb.

29. In oltre, fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Spiteri,**[14] il-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri ddikjarat is-segwenti:

> Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinċi lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.
>
> L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija.

[13] Deċiża nhar it-30 ta' Diċembru 2004
[14] Deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002.

Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.

Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jagħmel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.

30. Madankollu skond is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Cyrus Engerer**[15] ġie ppuntwalizzat ukoll illi:

Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara **l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi** migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita'.

31. Issa, din il-Qorti rat li s-serqiet in kwistjoni seħħew fi tliett postijiet separati u fuq tlett vetturi separati ta' tlett sidien differenti li ma kinux jafu lill-appellanta. Din il-Qorti tqisha bil-wisq improbabbli u inverosimili li fi tlett okkażjonijiet differenti, b'kumbinazzjoni, minn tant karozzi li kien hemm fiċ-ċirkolazzjoni dak iż-żmien f'Malta, l-appellanta inzertat ħalliet il-marki tas-swaba tagħha ma' tlett karozzi, li kienu f'postijiet differenti u li sfaw fil-mira ta' serqa. Kwindi, din il-Qorti tħoss li huwa kemxejn imġebbed l-argument tal-appellanta illi kienet għaddejja fit-triq fejn kienet ipparkjata kull waħda minn dawn il-vetturi fil-lejl ta' meta seħħew dawn is-serqiet rispettivi. In oltre mill-provi jirriżulta kif l-analiżi forensika da parte tal-Pulizija seħħet minnufih malli daħal ir-rapport ta' kull waħda minn dawn is-serqiet. Għalhekk, **fiċ-ċirkostanzi tal-każ,** hija wkoll remota l-possibilita' li l-marki tas-swaba tal-appellanta sabu ruħħom fuq dawk it-tlett vetturi xi żmien qabel jew xi żmien wara li twettqu dawn is-serqiet rispettivi.

---

[15] Hekk kif ġiet iċċitata minn din il-Qorti tal-Appell kif preseduta fil-kawża Il-Pulizija vs. Stephen Zammit deċiża nhar it-22 ta' Settembru 2020.

32. Għaldaqstant, fiċ-ċirkostanzi, din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet legalment u raġonevolment korretta tikkonkludi li l-marki tas-swaba tal-appellanti kienu qegħdin fuq in-naħa ta' barra ta' vetturi pparkjati f'post pubbliku ma kienux awtomatikament jeskludu r-responsabbilta tal-appellanti għas-serqiet de quo, in kwantu l-prova tal-impronti diġitali kienet ukoll ikkorraborata minn evidenza ċirkostanzjali univoka li ma tħalli ebda dubju dettat mir-raġuni fl-involviment tal-appellanta f'dawn is-serqiet.

33. Għaldaqstant, din il-Qorti qegħda tiċħad it-tieni u t-tielet aggravju tal-appellanti.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

34. Issa, in linea ta' piena, din il-Qorti tosserva kif il-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett :

(a) Retributtiv;
(b) Preventiv; u
(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena.

35. L-aspett retributtiv tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi moralment is-sitwazzjoni għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara bil-kommissjoni tar-reat. Il-ħati jrid jagħmel tajjeb għall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' soċjali.

36. L-aspett preventiv tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ il-persuni, b'mod li dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża li teħel il-piena, persuna tiġi mġegħela tixtarr sew il-konsegwenzi t'egħmilha **qabel** ma twettaq l-att kriminuż.

37. L-effett preventiv għalhekk huwa dupliċi : wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura speċjali. L-effett preventiv ġenerali huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, l-kollettivita tiġi kemm jista' jkun miżmuma milli tikkommetti reati minħabba l-biża li tinkorri fil-piena jekk tinstab ħatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira

tiegħu. L-aspett preventiv speċjali huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerġa jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk il-kollettivita titlef din il-biża mill-piena minħabba li l-Liġi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lill-kollettivita milli tiddeżisti għax jekk tiddelinkwi mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall-kollettivita' li tiddelinkwi. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall-interessi tal-istess kollettivita'. Il-kollettivita' allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall-eżistenza paċifika tal-istess kollettivita. Altrimenti, il-kollass.

38. Finalment hemm l-aspett riedukattiv u rijabilitattiv tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għall-kollettivita in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu innifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, billi jibni ħajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas-soċjeta bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.

39. F'dan il-kuntest il-piena għandu jkollha effetti riedukattivi u korrezzjonali fuq il-ħati. Iżda aktar minn hekk il-ħati għandu jkollu dawk l-istrutturi maħsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jiġi mgħejjun itejjeb l-imġieba tiegħu b'mod li għalhekk ikun jista' jerġa jiġi reintegrat fis-soċjeta, billi jiġi riedukat, imħeġġeġ jiżviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tiegħu, inkoraġġit jaħdem biex ikollu biex jerġa jibni ħajtu, jkollu biex jgħix diċenti, ma jkollux għalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn għad-danni li jkun ikkawża b'egħmilu. F'dan is-sens allura l-Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, għalkemm għandha effikaċja repressiva.

40. Illi jingħad li l-prinċipju regolatur hu li mhux normali li tiġi disturbata d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena inflitta tkun tidħol fil-parametri tal-liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas gravuża.[16]

---

[16] Ara f'dan is-sens fost oħrajn: **Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella** deċiża nhar l-14 ta' Ġunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno (sive Lino) Bezzina** deċiża nhar l-24 ta' April 2003.

41. Tibqa' l-kwistjoni jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienetx żbaljata fil-prinċipju jew erogatx piena li kienet manifestament eċċessiva. Kif ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005 :

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
>
> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."[2]
>
> This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

42. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-

piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli:

a. għall-offiża in kwistjoni u
b. għaċ-ċirkostanzi tal-ħati

u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti :

> 8. Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

43. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont

kif imsemmi fis-sentenza **Butler** tqis anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-ewwel qorti.

44. Illi, f'dan il-każ il-piena kienet deċiżament fil-parametri li trid il-Liġi u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 17(b) tal-Kodiċi Kriminali jidher li l-piena imposta ta' tmintax-il xahar priġunerija sospiżi għal perjodu ta' tlett snin kienet toqrob lejn **il-minimu** kontemplat għall-imsemmija reati. Di piu', fl-eżerċizzju tal-ikkalibrar tal-piena, il-Qorti tal-Maġistrati kkunsidrat ukoll it-trapass taż-żmien b'dan illi rat li ma jkunx xieraq illi tiġi imposta sentenza ta' priġunerija effettiva. Lanqas ma applikat id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali u għalhekk imponiet il-piena li għaliha r-reat kien oriġinarjament suġġett.

45. Għaldaqstant, din il-Qorti qiegħda hekk tirrespinġi dan l-aggravju tal-appellanta.

# Deċide

Konsegwentement din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**